15 ta' Ġunju, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

Rosina Zammit *versus* Maria Mallia

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Elezzjoni — Sentenza — Nullità — Kompetenza — Appell.**

*Meta tiġi mitluba n-nullità ta' elezzjoni għall-konsegwiment ta' legat taż-żwieġ mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, mhumiex applikabili r-regoli li jiddeferixxu l-konjizzjoni tal-kawżi dwar dawk il-legati lill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re u t-terminu li fih jista' jsir l-appell, imma hija kompetenti l-Qorti ordinarja, għax dik it-talba ma hix għar-revoka, imma għall-annullament tas-sentenza mogħtija mid-Deputazzjoni.*

*Il-fatt li sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ tiġi mogħtija favur ta' konkorrenti li ma kellhiex l-awtorizzazzjoni biex tikkonkorri ma jirrendix nulla dik is-sentenza.*

*Ma hemmx nullità tas-sentenza mħabba l-fatt li fil-kawża setgħu jingħataw eċċezzjonijiet kontra t-talba li ma ngħatawx.*

L-attriċi fit-taħrika qalet li b'sentenza mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fl-20 ta' Diċembru 1939 il-konvenuta ġiet eletta taħt l-isem ta' Maria Farrugia għall-konsegwiment ta' wieħed mill-legati taż-żwieġ imħollijin minn Luigia Massa in Rosselli fl-alternativa tal-konsangwinei ta' Pietro Rosselli (dok. A); li mir-relazzjoni tas-segretarju tad-Deputazzjoni fuq imsemmija, magħmula wara r-rikors ta' l-Ekonomu tal-legat fuq imsemmi biex ikun awtorizzat jiddepożita l-flus għan-nom ta' l-eletti, irriżulta li l-konvenuta ma kienetx ikkonformat ruħha mal-proċeduri użwali f'dawn il-konkorsi, peress li naqset li titlob id-debita awtorizzazzjoni lis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re qabel ma żżewġet (dok. B, C, D); u li jekk l-elezzjoni tal-konvenuta tiġi annullata, l-attriċi tiġi dikjarata eletta, peress li ż-żewġ konkorrenti bejniethom, ċjoè Farrugia u Bartolo, ġew eletti (dok. E); u talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u l-provvedimenti opportuni, tiddikjara nulla u mingħajr effett l-elezzjoni tal-konvenuta għall-konsegwiment tal-legat fuq imsemmi u validament eletta minflokha l-attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta:

l-imħarrka wieġbet li l-appell mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ huwa ta' **kompetenza esklużiva** ta' *l-Onorabbli Qorti tal-Maestà tar-Re, u għalhekk din* l-Onorabbli Qorti ma hix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi; li fi kwalunkwe każ it-terminu għal-appell mill-elezzjoni li ssir mid-Deputazzjoni taż-Żwieġ huwa ta' 20 ġurnata mill-publikazzjoni ta' dik l-elezzjoni; fil-każ preżenti l-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fis-6 ta' Frar 1940 (dok. A); fil-meritu d-deċiżjoni ta' l-imsemmija Deputazzjoni hija ġusta;

*Omissis;*

*Il-Qorti tosserva li, kif ġiet impostata mill-attriċi* l-kawża, din mhix appell mis-sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, għalkemm fl-effetti tagħha t-talba, kieku kellha tiġi milqugħa, kienet tkun tixbah bosta l-appell. U tabilħaqq, l-attriċi talbet id-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-elezzjoni, u mhux ir-revoka tas-sentenza. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u tat-terminu huma inapplikabili għall-każ u barra minn lokhom. Iżda mill-banda l-oħra, tajjeb jew ħażin, is-sentenza hija hemm, u l-fatt li ġiet mogħtija favur konkorrenti *li ma kienetx awtorizzata tikkonkorri* ma jirrendix is-sentenza nulla;

U tabilħaqq, is-sentenzi mhumiex nulli għax fil-kawża setgħu jingħataw eċċezzjonijiet kontra t-talba u ma ngħatawx; kif lanqas ma jkunu nulli meta jkunu żbaljati fil-konklużjonijiet. Għal ċerti każi ta' dik ix-xorta ordinarjament fil-proċedura ċivili hemm lok ta' ritrattazzjoni. Jekk fil-każ tal-proċedura quddiem id-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ ir-rimedju tar-ritrattazzjoni mhux konċess, ma jistax wieħed jissupplixxi *b'kawża quddiem* din il-Qorti. Kien ikun hemm nullità li kieku kien hemm nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew inosservanza ta' formalità fil-ġudizzju. Iżda dan ma kienx il-każ fl-elezzjoni li għamlet id-Deputazzjoni favur l-imħarrka, u l-attriċi lanqas biss talleġatu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u tat-terminu mogħtija mill-imħarrka, bl-ispejjeż kontra l-imħarrka, u tiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

---